MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 15/2004/1

**Victor Aquilina f'ismu proprju u l-istess Victor Aquilina bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Sharon Spiteri kif debitament awtorizzat bil-prokura hawn anness u markata Dokument "A" u l-Avukat Dottor Austin Bencini**

**v.**

**L-Avukat Generali u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2004, Dr. Tonio Azzopardi interviena fl-atti tar-rikors *in statu et teminis***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti proprio et nomine li jghid hekk:

"1. Illi f'pagna 4 tal-harga tal-21 ta' Gunju 1995 tal-gazzetta *The Times* gie ippubblikat rapport intitolat *Lawyer Found in Contempt of Court* riferibbilment ghall-avukat Dottor Tonio Azzopardi (Dokument "B");

"2. Illi dak inhar stess l-imsemmi Avukat Dottor Tonio Azzopardi cempel lir-rikorrenti Sharon Spiteri u pprotesta vigorozament ghal dan ir-rapport u insista fuq pubblikazzjoni ta' zmentita;

"3. Illi in fatti l-ghada, cioe fit-22 ta' Gunju 1995, f'pagna 4 ta' l-istess gazzetta *The Times* gie ppubblikat rapport intitolat *Lawyer Not Found Guilty in Contempt of Court* Dokument "C'');

"4. Illi pero` fl-istess gurnata, cioe` fit-22 ta' Gunju 1995, l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi xorta istitwixxa proceduri civili kontra l-esponenti rikorrenti (Citazzjoni Numru 825/95GCD fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et) ghall-malafama taht l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

"5. Illi ir-rikorrenti esponenti iddefendew dik l-azzjoni w eccipew:

(a) id-dezerzjoni ai termini ta' l-artikolu 963(1), (2) u (5) tal-Kodici ta' l--Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(b) il-privilegg ai termini ta' l-artikolu 33(e) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) li l-istampat *de quo* mhux libelluz;

(d) il-mitigazzjoni ai termini ta' l-artikolu 28(2) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-pubblikazzjoni tat-22 ta' Gunju 1995 fil-gazzetta *The Times*;

(e) li r-rikorrent esponent Avukat Dottor Austin Bencini ma qarax l-istampat *de quo* qabel il-pubblikazzjoni tieghu;

"6. Illi bi Provvediment moghti fit-13 ta' Gunju 1997, fuq talba tal-konvenuti f'dik il-kawza (ir-rikorrenti odjerni li, ghal kull bwon fini, b'riferiment ghall-imsemmija kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et - Citazzjoni Numru 825/95GCD - ser jigu imsejha **"ir-Rikorrenti Odjerni"**) din il-Qorti ammettiet il-produzzjoni ta' l-Ispettur Peter Paul Zammit li kien il-prosekutur fil-procedimenti li dwarhom sar ir-rapport imsemmi *Lawyer Found in Contempt of Court* biex jixhed dwar ir-*res gestae* ta' dawk il-procedimenti ghaliex, irritjeniet din l-istess Qorti, li kuntrarjament ghal dak li ssotttometta l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, "dawn il-procedimenti ma jirrizultawx biss mill-verbal tas-seduti'';

"7. Illi pero` b'Sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru, 1999 (dejjem fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et - Citazzjoni Numru 825/95GCD), din il-Qorti cahdet l-ewwel tlett fuq imsemmija eccezzjonijiet tar-Rikorrenti Odjerni, laqghet l-ewwel talba ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi billi ddikjarat li dik il-parti tar-rapport li deher fil-harga tal-21 ta' Gunju, 1995 ta' *"The Times"* li tghid li kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti taghtih malafama u wara li l-istess Qorti qieset ukoll r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tar-Rikorrenti Odjerni, laqghet t-tieni talba ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u kkundannat lir-Rikorrenti Odjerni *in solidum* ihallsu lill-istess Dottor Azzopardi bhala danni s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) fl-imkien ma' l-imghax skond it-talba, b'dan illi r-responsabilita` l-Avukat Dottor Austin Bencini hija limitata ghas-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) u l-imghax relattiv; bl-ispejjez hlief dawk gja decizi fil-Provvediment tat-13 ta' Gunju, 1997;

"8. Illi r-Rikorrenti Odjerni hassewhom aggravati bl-imsemmija Sentenza partikolrment bic-cahda tat-tieni u t-tielet eccezzjoni taghhom u ghalhekk, interponew umli appell minnha limitatament fuq dawn l-eccezzjonijiet;

"9. Illi l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi interpona appell incidentali ghaliex ippretenda aktar danni minn dawk li din

il-Qorti llikwidat u kkundannat lir-Rikorrenti Odjerni biex ihallsu lill-istess Dottor Azzopardi;

"10. Illi b'Sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2003, il-Qorti ta' l-Appell cahdet kemm l-appell tar-Rikorrenti Odjerni kif ukoll l-appell incidentali interpost mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi bl-ispejjez tal-proceduri ta' dan l-appell minghajr taxxa bejn il-partijiet;

"11. Illi ghalhekk l-imsemmija Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et (Citazzjoni Numru 825/95GDC) tikkostitwixxi il-pozizzjoni legali bejn il-partijiet f'dik il-kawza - cioe` li r-Rikorrenti Odjerni kisru l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi ghall-liema ksur l-istess Rikorrenti Odjerni gew ikkundannati jhallsu lil Dottor Azzopardi somma ta' flus likwidati taht l-istess Att;

"12. Illi pero` dan imur kontra d-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni tar-rikorrenti kif protett bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (**"il-Kostituzzjoni'"**) u l-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali ("**il-Konvenzjoni''**) maghmula applikabbli u enforzabbli f'Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea 1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan ghaliex:

- Il-liberta` ta' l-espressjoni protetta bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni tinkludi l-liberta` tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni minghajr xkiel;

- L-informazzjoni f'dan il-kaz giet ikkomunikata permezz tal-gazzetta *The Times* ippubblikata f'Malta fil-21 ta' Gunju 1995;

- Din l-informazzjoni kienet tikkonsisti f'rapport ta' procediment f'kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) *in re* Il-Pulizija (Spettur Peter Paul Zammit) versus Olaf A. Cini;

• F'dan il-procediment ir-rikorrenti Sharon Spiteri, gurnalista ta' *The Times* semghet lill-Magistrat sedenti isib lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi hati ta' dispezz lejn il-Qorti minnu ippresjeduta;

• Sharon Spiteri giet ikkorroborata mill-Ispettur Peter Paul Zammit li kien qieghed imexxi il-prosekuzzjoni f'dak il-kaz;

• Il-fatt illi l-verbal tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma jirriflettix dak li gie pronuncjat mill-Magistrat sedenti ma jbiddel xejn minn dak li semghu Sharon Spiteri u l-Ispettur Peter Paul Zammit;

• Dak illi gie irraportat li gara fil-fatt gara u rikorrenti kellhom kull dritt li jippubblikaw din l-informazzjoni. Kwalunkwe xkiel fl-ezercizzju ta' dan id-dritt (bhal kundanna ta' Qorti ta' l-Ewwel Grad u konferma ta' din il-kundanna minn Qorti ta' Tieni Grad, bhal ma gara f'dan il-kaz) jikkostitwixxi ksur tal-liberta` ta' l-espressjoni protetta mill-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u 10(1) tal-Konvenzjoni;

• Il-pronuncjamenti ta' din il-Qorti u tal-Qorti ta' l-Appell huma rassikuranti minn banda u dannuzi minn band'ohra. Minn banda jistabilixxu li, skond il-ligi, il-verbal mhux interament kostituttiv ta' dak li jkun gara waqt procediment f'qorti u min band'ohra jistabilixxu li, galadarba mhux imnizzel fil-verbal li Dottor Azzopardi instab hati ta' disprezz lejn il-Qorti, allura dan ma nstabx hekk hati ta' disprezz lejn il-Qorti. Dan ifisser li, fl-aghar ipotesi ghar-rikorrenti, il-pubblikazzjoni kienet zball. Din il-Qorti u l-Qorti ta' l-Appell elevat dan l-izball sal-grad ta' illegalita` u kkundannaw ghall-malafama taht l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) biex b'hekk gie stabilit li r-responsabilita` tar-Rikorrenti Odjerni taht l-ahhar imsemmija ligi hija wahda assoluta. Dan huwa xkiel fil-liberta` ta' l-espressjoni tar-rikorrenti u jikkostitwixxi ksur tal-liberta` ta' l-espressjoni protetta mill-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u 10(1) tal-Konvenzjoni;

- Ic-cittadini, u precizament fost tali cittadini kull min inzerta fl-Awla dak in-nhar ta' l-incident *de quo,* ghandhom/u d-dritt li jkun/u jaf/u x'gara fl-Awla dak in-nhar u dak il-hin. Kull min kien fl-Awla dak in-nhar jisma' l-andament ta' procediment miftuh ghall-pubbliku skond l-ordinament guridiku nostrali kellu kull dritt ghall-konferma ta' dak li sema'. Bl-istess mod, il-gazzetta ghandha d-dritt u d-dmir li tirraporta fedelment dak li gara u cittadin li kien fl-Awla ma ghandux jitpogga f'sitwazzjoni li ma jifhimx kif dak li sema' ma jigix rapurtat (jew jigi rappurtat bil-maqlub). Huwa veru illi l-liberta` ta' l-espressjoni ggib maghha d-dmir ta' rapportagg fidil. Izda l-fedelta` timplika li gazzetta tirraporta dak li jkun gara. Issa kemm din il-Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell, bil-precitati Sentenzi taghhom moghtija fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et (Citazzjoni Numru 825/95GDC), holqu argini u limitazzjoni ghal tali dritt tal-gazzetta. }olqu n-necessita` li kull rapport ta' *res gestae* f'qorti hu soggett ghal verifika ulterjuri ma dak li jkun ghogobha, tajjeb jew hazin, tivverbalizza l-qorti. Tali limitazzjoni tmur direttament kontra d-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni;

- Il-liberta` ta' l-espressjoni protetta mill-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni hija r-regola. Il-limitazzjoni imposta mill-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) hija l-eccezzjoni. L-eccezzjoni trid tapplika ristrettivament ghaliex altrimenti tohrog mill-ambitu tal-binarji legali taghha. Li din l-eccezzjoni teghleb ir-regola billi ggib kundanna jekk jigi pubblikat dak li jkun gara anke jekk dak li jkun gara ma jkunx rifless f'verbal ta' procediment quddiem qorti, bhal ma gara f'dan il-kaz, jammonta ghal ksur tal-liberta` ta' l-espressjoni protetta taht l-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li bis-Sentenzi ta' din il-Qorti moghtija fil-5 ta' Novembru 1999 u tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fis-27 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et (Citazzjoni Numru 825/95GDC) gie miksur id-dritt taghom

tal-liberta` ta’ l-espressjoni protett bl-artikoli 41(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement taghti ir-rimedji u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet ta’ l-imsemmija artikoli 41(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali.

Bl-ispejjez."
Rat ir-risposta ta' l-intimat Avukat Generali li tghid hekk:
"Illi r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-fatt li huma nstabu hatja ta' malafama jilledilhom id-dritt taghhom tal-liberta` ta' espressjoni.

"Illi l-esponent jidhirlu illi l-perspettiva addottata mill-Qorti ta' Prim Istanza u l-Qorti ta' l-Appell kienet wahda li taghti piz lill-fatt illi d-drittijiet tac-cittadin hemm bzonn jigu mharsa miz-zelu esagerat ta' l-Istampa li jwassalha biex ixxandar l-ahbarijiet minghajr il-kawtela necessarja.

"Illi fil-kaz in kwistjoni, anke jekk il-gurnalista Sharon Spiteri dehrilha li semghet lill-Qorti ssib lill-Avukat hati ta' disprezz, din l-impressjoni sussegwentement irrizultat li kienet zbaljata.  Fil-fatt, imkien fil-verbal tas-seduta in kwistjoni ma kien hemm indikat illi sehh il-fatt li l-gazzetta kienet affermat illi sehh fl-awla dakinhar.

"Illi l-fatt li gie attribwit lill-avukat Azzopardi mill-gurnalista involuta kien wiehed b'potenzjal gholi ingurjuz izda bi ftit rilevanza ghall-pubbliku in generali stante li ma kien jitfa' ebda dawl fuq il-htija o meno ta' l-imputat Olaf Cini fil-kaz in kwistjoni.  Ghalhekk, ir-rikorrenti kienu missom ta' l-inqas qaghdu lura milli jippubblikaw l-ahhar qabel ma kienu lahqu kkonfrontawha mal-verbal tas-seduta.

"Illi inoltre, kif gie ammess fl-istess gazzetta tar-rikorrenti fil-harga tat-22 ta' Gunju 1995, ir-rikorrenti kienet hadet zball, ghax il-Qorti kienet biss semmiet il-possibilita` ta'

disprezz in konnessjoni mat-talbiet spissi ta' Olaf Cini ghal differiment minhabba dizgwid dwar l-ispejjez ta' l-avukat.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors odjern bl-ispejjez."

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2004, li in forza tieghu giet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-kawza **Dr Tonio Azzopardi v. Victor Aquilina et** (Citazzjoni Numru 825/95) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003;

Rat id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fil-15 ta' Ottubru 2004, li in forza tieghu l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi thalla jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Mejju 2007, li in forza taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, b'dan li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrenti – bħala editur, ġurnalista u stampatur rispettivament tal-ġurnal *The Times* – jgħidu li huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għall-espressjoni ħielsa minħabba li ttieħdu proċeduri ta' libell kontra tagħhom wara artiklu li kien deher f'ġurnal. F'dawk il-proċeduri, ir-rikorrenti kienu nstabu ħatja li immalafamaw avukat li dwaru nkiteb l-imsemmi artiklu. Huma jgħidu li dak li nkiteb fl-artiklu kien rakkont ta' dak li seħħ waqt smigħ ta' kawża li fiha l-avukat li jissemma kien jidher għall-akkużat. Jgħidu li huma kellhom kull jedd isemmu fil-ġurnal dak li nkiteb fl-artiklu msemmi, għaliex dan jagħmel parti mill-jedd għat-tixrid ta' informazzjoni;

"Illi jixraq li jinġabru u jissemmew il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti kemm ta' din il-kawża u kif ukoll dawk l-oħrajn li dwarhom ir-rikorrenti jressqu l-ilment tagħhom. Fil-ħarġa ta' *The Times* tal-21 ta' Ġunju, 1995, f'paġna 4, deher

artiklu qasir intestat "*Lawyer found in contempt of court*"[1]. Dan kien magħluq f'kaxxa flimkien ma' artiklu ieħor b'rapport ta' seduta ta' kawża oħra. L-artiklu kien jgħid li avukat (li, aktar 'il quddiem hu msemmi b'ismu) instab ħati ta' disprezz mill-Qorti wara li naqas li jidher biex jgħin lil klijent tiegħu. L-artiklu jfisser li l-avukat – Dottor Tonio Azzopardi, l-intervenut f'din il-kawża – tqies bħala ħati ta' disprezz mill-Qorti tal-Maġistrati, wara li l-akkużat (Olaf Ċini), klijent tal-istess avukat, qal li l-avukat tiegħu naqas li jidher għalih għaliex kien għadu ma tħallasx bilanċ mill-onorarju li kien talbu jħallsu. L-artiklu jkompli jgħid li l-Maġistrat qal lill-akkużat li dik kienet kwestjoni bejnu u l-avukat tiegħu, u li l-kawża tħalliet għal data oħra sabiex, sa dak inhar, l-akkużat jew ikun qabbad avukat ieħor jew jistenna s-sentenza. Fil-ħarġa tal-istess ġurnal tal-għada, 22 ta' Ġunju, 1995, ukoll f'paġna 4[2] u fl-istess naħa, imma xi ftit itwal, deher artiklu ieħor intestat "*Lawyer not found in contempt of court*". L-artiklu jibda b'ċaħda ta' dak li qal ir-rapport tal-ħarġa tal-21 ta' Ġunju, 1995, ikompli billi jġib kelma b'kelma (f'verżjoni fl-ilsien ingliż) l-biċċa l-kbira mill-verbal tas-seduta tal-kawża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3], u jagħlaq billi juri sogħba għal kull inkonvenjent li seta' ikkawża lill-Avukat Azzopardi;

"Illi dakinhar stess, fit-22 ta' Ġunju, 1995, l-Avukat Tonio Azzopardi fetaħ kawża ta' libell quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra r-rikorrenti tal-lum, dwar l-artiklu li deher fil-ġurnal lejliet. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru, 1999, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-Avukat Azzopardi u ikkundannat lill-konvenuti jħallsuh solidalment bejniethom tliet mitt lira Maltin (Lm 300) bħala danni, b'limitazzjoni tas-somma dovuta mill-konvenut stampatur. Il-konvenuti (ir-rikorrenti tal-lum) appellaw minn dik is-sentenza. Appella wkoll l-attur (intervenut f'din il-kawża) b'appell inċidentali. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2003, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi ċaħdet kemm l-appell ewlieni u kif ukoll dak inċidentali. Fil-31 ta' Mejju, 2004, infetħet din il-kawża;

---

[1] Dok "B", f'paġ. 9 *tergo* tal-proċess
[2] Dok "Ċ", f'paġ. 8 *tergo* tal-proċess
[3] Paġġ. 25-6 fl-atti taċ-Ċit. Nru. 825/95GCD

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ tal-lum iduru kollha mal-istħarriġ dwar il-parametri xierqa tal-jedd fondamentali tal-liberta` tal-espressjoni li tgawdi l-Istampa fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha li tinforma lill-pubbliku. Fil-qafas ta' dan l-istħarriġ, il-każ tal-lum iressaq ukoll il-kwestjoni tal-privileġġ li jħares ir-rapportaġġ ta' dak li jiġri waqt smigħ ta' kawża f'Qorti. Ir-rikorrenti jilmentaw mill-ksur ta' dan il-jedd tagħhom għaliex, bis-sentenzi li ngħataw kontra tagħhom fuq l-azzjoni tal-intervenut fil-kawża, huma jqisu li kellhom iħallsu l-prezz talli eżerċitaw il-jedd tagħhom li jinfurmaw lill-qarrejja tagħhom b'dak li seħħ waqt smigħ ta' kawża aċċessibbli għall-pubbliku;

"Illi skond l-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ħadd ma għandu jkun imfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tiegħu tal-espressjoni. Fost il-jeddijiet magħduda mal-imsemmi jedd fondamentali hemm dak li wieħed "jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni)". Iżda ma jitqiesx li tikser jew tkun inkonsistenti ma' dak il-jedd xi liġi li tipprovdi biex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali[4], ħlief safejn dik il-liġi jew dak li jingħad li qiegħed isir bis-saħħa tagħha jintwera li ma jkunux raġonevolment ġustifikabbli f'soċjeta` demokratika;

"Illi skond l-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni, kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` tal-espressjoni, liema dritt jinkludi fih il-jedd li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni u idejat mingħajr indħil mill-awtorita` pubblika. Iżda ġie mfisser li d-dritt li tikkomunika idejat u tagħrif ma jfissirx li wieħed għandu d-dritt ta' aċċess għall-meżżi li bihom tali tagħrif jista' jixxerred jew jitqassam[5]. Minbarra dan, l-eżerċizzju ta' dak id-dritt iġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet u jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa

[4] Art. 41(2)(a)(ii) tal-Kostituzzjoni
[5] ECommHR **14.6.1971** fil-kawża ***X & Association Z vs U.K.*** (Applik. Nru, 4515/70), par. 38

f'soċjeta` demokratika "għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor"[6];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni li għandna quddiemna, jiġi osservat li f'din il-kawża, ir-rikorrenti m'humiex qegħdin jgħidu li xi parti mil-liġi applikata mill-Qrati fis-sentenzi li għalihom jirreferu tikser il-jedd fondamentali tagħhom għal espressjoni ħielsa. Huma qegħdin jgħidu li huma s-sentenzi nfushom li jċaħħdulhom dak il-jedd, għaliex ma qisux li huma kellhom kull jedd li jxandru dak li deher fl-artiklu tal-ġurnal li dwaru ħassu offiż l-Avukat Azzopardi. Ir-rikorrenti jgħidu li dak li għamlu kien parti mid-dmir tagħhom lejn il-pubbliku fl-ambitu tal-jedd li l-istess pubbliku għandu li jkun mgħarraf bi ħwejjeġ ta' dominju pubbliku li jinteressawh;

"Illi l-Qorti tifhem ukoll li r-rwol tagħha f'din l-istanza kostituzzjonali m'huwiex wieħed li jħalliha terġa' tidħol f'eżami tal-mertu tal-proċedura tal-libell għaliex din il-Qorti ma tistax isservi bħala qorti "tat-tielet appell", kif ta' spiss jingħad[7]. Is-sejbien ta' ħtija fir-rikorrenti fuq ir-riżultanzi u għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenzi msemmija jikkostitwixxu fatt li din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ma tistax terġa' tiddibatti. Dak li din il-Qorti tista' u sejra tagħmel huwa li tqis jekk jirriżultax li l-imsemmija sentenzi jiksru il-jedd tar-rikorrenti għall-espressjoni ħielsa. Dan irid isir billi jitwettaq eżerċizzju li jixxiebah ma' wieħed ta' stħarriġ ġudizzjarju biex wieħed jara jekk kemm-il darba (fis-sentenzi li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti) tħarsux u kinux applikati l-kweżiti mistennija fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni[8];

### *"(A) Dwar l-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni ħielsa*

"Illi għandu jingħad li l-liberta` tal-espressjoni żżomm post ewlieni fil-qafas tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, u dan mhux biss għaliex uħud mill-jeddijiet fondamentali l-

[6] Art. 10(2) tal-Konvenzjoni
[7] Ara, per eżempju, P.A. (Kost.) VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija***
[8] ECHR **21.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Grinberg vs Russia*** (Applik. Nru. 23472/03), par. 26-7

oħrajn jissawru fuq l-eżerċizzju tal-liberta` tal-espressjoni, imma għaliex dik l-istess liberta` ta' spiss taħbat ma' interessi jew saħansitra ma' jeddijiet oħrajn daqstant fundamentali. Huwa minħabba f'hekk li mil-liġi nfisha[9] joħroġ li, għalkemm il-liberta` tal-espressjoni hija daqshekk importanti, hija wkoll waħda mil-libertajiet l-aktar suġġetti għal-limitazzjonijiet li jagħtu marġini mhux illimitat ta' applikazzjoni lill-organi tal-Istat (kemm lil-leġislatur, fl-għamil ta' liġijiet, u kif ukoll lill-ġudikatura, fit-tifsir u l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ)[10]. Min-naħa l-oħra, hija l-istess liġi[11] li trid li l-applikazzjoni tal-imsemmija marġini, ukoll dik magħmula minn qorti indipendenti u imparzjali, tkun suġġetta għas-superviżjoni u skrutinju tal-organi ġudizzjarji konvenzjonali[12]. Il-kejl ewlieni li bih jitqies jekk l-indħil fil-jedd ta' espressjoni ħielsa huwiex permess huwa l-kejl tal-proporzjonalita` tal-għamil li jillimita l-jedd;

"Illi għalhekk, filwaqt li kull għamla ta' espressjoni, magħmula b'kull mezz maħsub biex ixerridha, tgawdi mill-ħarsien tal-liberta` ta' espressjoni, il-liġi tagħfas ħafna fuq il-ġustifikazzjoni tal-limitazzjonijiet permissibbli għall-istess liberta`.[13] Kif sewwa jgħidu r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom, l-interferenzi jew indħil fl-eżerċizzju tal-jedd għall-espressjoni ħielsa huma eċċezzjoni għar-regola li tapplika biss f'każijiet eċċezzjonali[14]. Ta' min ifakkar li l-jedd tal-espressjoni ħielsa japplika kemm għall-espressjoni nfisha u kif ukoll għall-meżż użat biex ixerridha[15]. Filwaqt li l-istess jedd japplika kemm għal tagħrif (informazzjoni) u kif ukoll għal idejat jew fehmiet, li mhux meħtieġ li jkunu fatti li wieħed jista' jivverifika[16], għaliex il-jedd ta' espressjoni ħielsa jħares ukoll fehmiet, kritika u spekulazzjoni[17];

"Illi fil-qasam komunikazzjoni bil-meżżi tal-istampa, imbagħad, l-indħil li l-jedd tal-espressjoni ħielsa jirreferi

---

[9] Ara art. 41(2) u (4) tal-Kostiruzzjoni u art. 10(2) tal-Konvenzjoni
[10] ECHR **7.12.1976** fil-kawża ***Handyside vs U.K.*** (Applik. Nru. 5493/72) par. 48-9
[11] Artt. 19 u 50 tal-Konvenzjoni
[12] ***Handyside*** par 50
[13] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights (1995) paġ.377
[14] Par. 10 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 45 tal-proċess
[15] *Ibid.* paġ. 379
[16] ECHR **8.7.1986** fil-kawża ***Lingens vs Austria*** (Applik. Nru. 9815/82), par. 34 sa 47
[17] ECHR **25.6.1992** fil-kawża ***Thorgeir Thorgeirson vs Iceland*** (Applik. Nru 13778/88), par. 55 sa 70

għalih jista’ jkun indħil minn awtorita` pubblika wara li jkun sar l-eżerċizzju ta’ dak il-jedd. Dan jiġri fil-każ ta’ proċedimenti kriminali għall-malafama jew proċeduri ta’ disprezz[18] jew inkella għall-proċedimenti ta’ għamla ċivili f’libell: f’din l-aħħar ċirkostanza, kundanni qawwija jew mhux mistennija ta’ kumpens għad-danni f’libelli famużi minħabba pubblikazzjonijiet tqiesu bħala ksur tal-jedd tal-espressjoni [19]. Fi kliem ieħor, huwa ndħil li jnissel il-biżgħa f’li wieħed jeżerċita l-jedd tal-espressjoni ħielsa għaliex iżomm quddiem għajnejh il-konsegwenzi li x’aktarx iġarrab jekk jagħmel dan (l-kekk imsejjaħ “*chilling effect*”[20]). B’riferenza għal dan il-fenomenu limitativ, ingħad li “*this effect, which works to the detriment of society as a whole, is likewise a factor which goes to the proportionality of, and thus the justification for, the sanctions imposed*...”[21]

Illi minn dan kollu “*(i)t follows that the meaning of ‘interference’ within Art. 10 will be widely construed. It will include any measure in the law of defamation that has the direct or indirect effect of interfering with freedom of expression. Such interference will ħave to be demonstrated as necessary under Art. 10(2). ... As is apparent from Art. 10, restrictions on freedom of expression are legitimate, in principle, in order to protect reputation. The fundamental question is the extent of such restrictions*”[22];

"Illi waħda minn tali restrizzjonijiet huwa l-kriterju tan-neċessita` tal-miżura restrittiva tal-jedd tal-espressjoni ħielsa. Dan il-kriterju jrid li l-Qorti tistħarreġ jekk l-indħil jaqbilx ma’ “ħtieġa soċjali urġenti”, jekk iżżommx proporzjon mal-għan leġittimu li l-miżura timmira lejh, u jekk ir-raġunijiet miġjuba ’l quddiem mill-Istat għat-tħaddim ta’ dik il-miżura kinitx raġuni rilevanti u mistħoqqa;

---

[18] ECHR **26.4.1979** fil-kawża ***The Sunday Times vs U.K.*** (Applik. Nru. 6538/74), par. 54-7
[19] Ara, per eżempju, ECHR **13.7.1995** fil-kawża ***Tolstoy Miloslavsky vs U.K.*** (Applik. Nru. 18139/91), par. 35 sa 49
[20] Cfr. ***Derbyshire County Council vs Times Newspapers Ltd***. (1993) A.C. 534
[21] ECHR **24.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lombardo and others vs Malta*** (Applik. Nru. 7333/06), par. 61
[22] Price & Duodu Defamation: Law, Procedure & Practice (3rd Edit., 2004), par 38-04 – 38-05, paġġ. 454-5

"Illi meta jkun qiegħed jitqies jekk teżistix limitazzjoni mistħoqqa tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, mhux ta' min iwarrab it-twiddiba li "*post-publication sanctions may have an impact on the publication of information other than that against which they are directed because of their 'chilling effect' on those responsible for the subsequent production of other materials*"[23]. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni ta' ċerti kategoriji partikolari ta' persuni fil-ħajja pubblika tqieset bħala raġuni rilevanti li għaliha l-indħil jew limitazzjonijiet li l-Istat jista' jagħmel għall-jedd tal-espressjoni ħielsa għandhom jiġu mifhuma f'tifsira dejqa aktar milli wiesgħa[24]. Fost dawn il-kategoriji, ewlenija fosthom hija dik ta' persuni involuti fil-ħajja pubblika;

"Illi b'żieda ma' dan il-Qorti ssib li l-fehmiet li ġejjin huma siewja għall-każ preżenti. Għaliex għandu jiġi ċċarat ukoll li ngħad b'awtorita` li l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni "*does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph (2) of the article the exercise of this freedom carries with it 'duties and responsibilites', which also apply to the press. These 'duties and responsibilites' are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the 'rights of others'. ... By reason of the 'duties and responsibilities' inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.*"[25];

"Illi l-Qorti tqis ukoll li ż-żamma tal-bilanċ bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa u l-jedd għar-riputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb tal-persuna hija preokkupazzjoni kruċjali li l-Qrati tagħna żammew quddiem għajnejhom f'każi ta' din l-għamla, ukoll meta ingħatat tifsira aktar liberali tal-jedd tal-

[23] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* paġ. 387-8
[24] ECHR **23.4.1992** fil-kawża ***Castells vs Spain*** (Applik. Nru. 11798/85), par. 42-3
[25] ECHR **20.5.1999** fil-kawża ***Bladet Tromso and Stensaas vs Norway*** (Applik.Nru. 21980/93), par. 65

espressjoni ħielsa[26]. Fil-qasam ta' proċedimenti taħt il-Liġi tal-Istampa u kif dawn jaħbtu mal-jedd tal-espressjoni ħielsa, il-Qorti m'għandhiex għalfejn telabora, u jidher biżżejjed li tirreferi għas-sentenza li ngħatat fis-7 ta' April, 2003, mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Glenn Bedingfield kontra l-Kummissarju tal-Pulizija et.*** li fiha ġabra sfiqa ta' prinċipji rilevanti u aġġornati tat-tifsira tajba li jmissha tingħata għall-bilanċ ta' jeddijiet hawn fuq imsemmi. Minnha joħroġ ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet maħsuba fil-liġijiet tagħna dwar l-istampa huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta` demokratika, kif imfissra f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu[27]. Il-Qorti tħoss li għandha żżid ukoll li l-"bilanċ" li huwa mistenni li jinżamm bejn il-jedd ta' espressjoni ħielsa u l-ħarsien tar-reputazzjoni tal-persuni privati ma jfissirx qies indaqs bejn dawn iż-żewġ interessi opposti[28]: x'aktarx li tal-ewwel jingħata piż aqwa għas-siwi tiegħu, u għalhekk il-kriterju huwa dak tal-proporzjonalita` aktar milli tal-kejl indaqs;

"Illi l-kwestjoni tal-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni kif manifestat fil-jedd għat-tixrid ta' tagħrif jidher li għadha miexja bi żviluppi aġġornati li jinbnew madwar il-ħsieb li aktar ma l-Istampa twettaq dmirha mingħajr il-biżgħa ta' riperkussjonijiet li jxekkluha milli twettaqhom, aktar jispikkaw il-kredenzjali demokratiċi tas-sistema ġuridiku li fiha taħdem. Kemm hu hekk, ta' min isemmi li "(*a)s well as the content of speech, its vehicle may also prove to be relevant. In this regard, the Court seems especially indulgent towards the press ... In* ***Lingens vs Austria,*** *the Court stated that the importance of free expression will be especially strong when the alleged libel is published by the established press, which is seen as having an incumbent role in the furtherance of democracy 'to impart informationand ideas on political issues just as on those in other areas of public interest'.*"[29] Dan iġib miegħu ukoll il-ħtieġa ta' Stampa matura u responsabbli,

---

[26] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et***

[27] Ara, per eżempju, ECHR **27.6.2000** fil-kawża ***Constantinescu vs Romania*** (Applik.Nru. 28871/95**)** par 67-9 u ECHR **10.6.2003** fil-kawża ***Cumpana & Mazare vs Romania*** (Applik. Nru. 33348/96), par. 46-9

[28] ECHR **22.2.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Barfod vs Denmark*** (Applik. Nru. 11508/85), par. 29

[29] Gatley on Libel and Slander (10th Edit., 2004), par. 23.18, paġ. 735

motivata mir-rieda li tinforma 'l-qarrejja u tifforma l-fehmiet tagħhom, fil-ħarsien tar-regoli tal-etika u mhux miġbuda mill-kilba għas-sensazzjonaliżmu u l-iskandlu jew mill-qadi ta' interessi partikolari fis-soċjeta`;

"Illi għalhekk huwa mgħallem ukoll li "*(w)here the Court views the statement as not being seriously made, in particular if published without proper research and investigation or with an improper motive, then it will not wish to protect what it views as bad journalism. It is up to journalists to establish their facts in advance*"[30];

"Illi dawn il-konsiderazzjonijiet ġenerali marbutin mal-jedd ta' espressjoni ħielsa kif jgħodd għall-Istampa jolqtu sewwa l-każ tal-lum. Il-Qorti ssib li l-partijiet jagħrfu sewwa u x'aktarx jaqblu ma' l-linji ġenerali tax-xenarju ġuridiku li jitpinġa minn dawn il-konsiderazzjonjiet. In-nuqqas ta' qbil tagħhom jibda mill-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji maċ-ċirkostanzi tal-każ. F'dan il-każ, iż-żewġ ċirkostanzi huma r-rapport f'ġurnal ta' ġrajja li (allegatament) seħħet waqt is-smigħ ta' kawża, u l-effett ta' dak ir-rapport fuq il-fama ta' persuna msemmija fih;

***"(B) Dwar il-privileġġ dwar rapportaġġ ta' dak li jseħħ matul kawża***

"Illi biċċa mill-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża ġej mill-fatt li dak li kien ippubblikat fl-artiklu tal-ġurnal kien imħares bil-privileġġ li dwaru ma tistax issir azzjoni ta' libell. Huma jgħidu li s-sentenzi li minnhom jilmentaw għarfu (għalkemm mhux għal kollox) li dak li kien il-qofol tar-rapport seħħ bħala parti mir-rapportaġġ ta' kawża, u li ħwejjeġ li jiġru waqt "proċediment" mhux tabilfors ikunu dawk li jirriżultaw mill-atti tal-kawża (bħall-verbali jew l-atti ġudizzjarji jew is-sentenza). Iżda jgħidu li, minkejja dan, l-imsemmi privileġġ sfaxxa fix-xejn xorta waħda għaliex l-istess sentenzi sabu li dak li kien rapportat ma kienx is-sewwa. Din il-Qorti diġa` qalet li mhix sejra tħalli li din il-kawża tissarraf fi stħarriġ fil-mertu tal-azzjonijiet meħudin mill-intervenut fil-kawża kontra r-rikorrenti. Iżda, fil-limiti

[30] *Ibid.* , paġ. 737

tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni speċjali tagħha ssib li għandha tqis is-siwi tal-ilment tar-rikorrenti fid-dimensjoni tal-allegat ksur tal-jedd fundamentali tagħhom;

"Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq ukoll li tagħmel preċiżazzjoni f'dan il-waqt. Il-privileġġ "assolut" dwar pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċedimenti f'Qorti tal-ġustizzja f'Malta huwa wieħed li jimmira li joqtol l-azzjoni tal-persuna li tħossha mweġġa' b'dak li jingħad. Dan il-privileġġ huwa, qabel kollox, wieħed proċedurali għaliex jiċħad il-jedd għall-azzjoni f'każijiet bħal dawk. Imma, fis-sewwa, m'huwiex privileġġ għal kollox proċedurali, u lanqas għal kollox assolut. Dan jingħad għaliex, minn kliem il-liġi nnifisha, tali privileġġ jiddependi minn u huwa kundizzjonat ukoll mill-fatt – li ċertament jikkostitwixxi materja ta' apprezzament sostantiv lil hinn mill-kwestjoni tal-formalita` tal-azzjoni – li l-pubblikazzjoni ta' tali rapport trid tkun waħda ġusta tal-proċedimenti. Fis-sewwa, jidher li r-rikorrenti jibnu l-ilment tagħhom ukoll fuq din it-tieni dimensjoni tat-tifsira tal-privileġġ, għaliex jgħidu li l-artiklu li ippubblikaw fit-*Times* kien tassew rapportaġġ ġust ta' dak li seħħ u s-sejbien bil-maqlub fis-sentenzi li ikkundannawhom kien ksur tal-jedd tagħhom li jxandru din il-verita`;

"Illi dwar il-privileġġ jew immunita` minn azzjoni wara pubblikazzjonijiet dwar dak li jseħħ waqt smigħ ta' kawża quddiem Qorti, jingħad li biex rapport jitqies li huwa "rapport ġust tal-proċedimenti", m'għandux għalfejn ikun kelma b'kelma ta' dak kollu li jkun sar jew ingħad waqt is-smigħ tal-każ li jkun[31]. Lanqas ma jitlef il-privileġġ li jħaddan jekk kemm-il darba jkun fih xi ineżattezzi żgħar jew iħalli barra xi ħwejjeġ ċkejknin, sakemm ir-rapport fil-qafas tiegħu kollu jkun jagħti stampa ċara ta' dak li jkun seħħ[32]. Fuq kollox, "*where the inaccuracy is of a substantial kind, the report is not privileged although the publisher exercised reasonable care and diligence in endeavouring to ascertain the facts, and though the mistake was an honest mistake*"[33];

[31] *Ibid*, par. 13.37, paġ. 367
[32] *Ibid.* par. 13.38, paġġ. 367-8
[33] *Ibid.* par. 13.39, paġ. 368

"Illi jidher aċċettat li l-privileġġ japplika għall-proċeduri ġudizzjarji fit-tifsira wiesa' tal-kelma, u mhux biss għal dak li jkun verbalizżat jew għal dak li jkun miktub fl-atti tal-kawża. Kemm hu hekk, jingħad li "*(a)lthough an 'outburst' in court is not protected by privilege, ... it appears that reports of such statements will attract absolute privilege since they form part of the proceedings*"[34]. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimat[35] fis-sens li l-għajn waħdiena attendibbli dwar dak li jseħħ f'kawża hija t-tagħrif li jissemma fil-verbali li jkunu dettati mill-ġudikant waqt is-smigħ;

"Illi l-Qorti, wara li qieset fit-tul dawn l-aspetti kollha u qegħdithom fil-qafas ta' kif seħħew l-affarijiet f'dan il-każ, tgħid minnufih li ma kienet issib l-ebda diffikulta` li tasal għall-fehma li kieku r-rikorrenti nstabu ħatja ta' libell **għar-raġuni biss tal-pubblikazzjoni fil-ġurnal tar-rapport** tal-viċenda tas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kien ikun tassew każ ta' indħil mhux ġustifikat fil-jedd tagħhom tal-liberta` tal-espressjoni fis-sura ta' għoti ta' informazzjoni;

"Illi, madankollu, f'dan il-każ, joħorġu żewġ fatturi li jibdlu x-xenarju kollu. L-ewwel fattur hu li r-rikorrenti jibnu l-argument tagħhom kollu fuq il-fatt tas-sejbien tal-ħtija għal disprezz min-naħa tal-intervenut Avukat Azzopardi. L-argument tagħhom ma jipprospettax kawżali oħra, anzi jidher li jimplika bis-sħiħ li kieku mhux għaliex tassew li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Avukat Azzopardi ħati ta' disprezz lejha, kieku lanqas biss ilmentaw mill-ksur tal-jedd fundametali tagħhom. Issa, dan huwa "fatt" li, fil-kawża li fetaħ kontrihom l-Avukat Azzopardi, żewġ Qrati oħra – il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell – iddikjaraw u sabu li ma kien fatt xejn. Kien ukoll fatt li kien dmir ir-rikorrenti (l-imħarrkin f'dik il-kawża) li jippruvaw[36]. Minħabba f'dik is-sejba, ir-rikorrenti jgħidu li għalhekk

[34] Price & Duodu *Op. Cit*, par. 11-06, paġ. 90
[35] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġġ. 62-3 tal-proċess
[36] P.A. RCP **24.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Andrew Borġ Cardona vs Joseph Abela et.***

ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għaliex dawk il-Qrati ikkundannawhom iħallsu d-danni lil min ħarrikhom;

"Illi jidher li r-rikorrenti jridu li din il-Qorti ssib kontra dak li iddeċidew l-imsemmija Qrati fis-sentenzi impunjati. Iriduha tagħmel hekk fuq l-istess atti proċedurali u riżultanzi li kellhom quddiemhom dawk il-Qrati. Kemm hu hekk, matul is-smigħ ta' din il-kawża ma tressqu l-ebda provi ġodda fir-rigward ta' jekk l-intervenut fil-kawża Dottor Azzopardi kienx tassew instab ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kif jingħad fir-rapport ippubblikat fil-ġurnal tal-21 ta' Ġunju, 1995. Din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-istedina tar-rikorrenti għaliex jekk tagħmel hekk tkun qegħda tmur lil hinn mill-funzjoni u s-setgħat tagħha f'dan il-każ[37]. L-iżjed li tista' tagħmel hu li tqis jekk il-fehma li waslu għaliha l-Qrati fiż-żewġ sentenzi li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti kinitx waħda li setgħu raġonevolment jaslu għaliha u jekk b'hekk, allura, kisrux xi jedd fundamentali tar-rikorrenti;

"Illi wara li din il-Qorti fliet sewwa l-atti proċesswali tal-kawża miftuħa kontra r-rikorrenti, ma sabitx xejn fihom li jista' jingħad li s-sentenzi impunjati mir-rikorrenti huma l-frott ta' razjoċinju irraġonevoli jew li jikkastigaw tassew lil min wettaq dmiru u lil min eżerċita l-jeddijiet tiegħu;

"Illi din il-fehma toħroġ minn bosta ċirkostanzi. **L-ewwel** ħaġa hi t-titolu tal-artiklu in kwestjoni. Dak it-titolu jagħmilha kategorika li l-intervent f'din il-kawża kien instab ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Hemm ukoll riferenza għal dan fl-ewwel paragrafu tal-artiklu, u mbagħad, il-bqija tal-artiklu jitkellem fuq ftit minn dak li ġara fil-bqija tas-seduta. **It-tieni fattur** hu li ma kienx minnu li l-intervenut fil-kawża Dottor Azzopardi kien tassew instab ħati ta' disprezz minn dik il-Qorti f'dak is-smigħ. Ir-rikorrenti jisħqu li dak kien il-każ, u dan baqgħu jtennuh ukoll fl-aħħar sottomissjonijiet tagħhom[38]. Iżda, fis-sewwa, l-iżjed li waslu biex jippruvaw hu li kemm ir-rikorrenti Spiteri[39] u kemm ix-xhud tagħha li kien l-uffiċjal

[37] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali et***
[38] Par. 5 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 39 tal-proċess
[39] Xhieda tagħha 24.2.1998, f'paġġ. 63-4 tal-atti tal-kawża 825/95

prosekutur waqt is-smigħ tal-kawża in kwestjoni (l-Ispettur, illum Suprintendent Peter Paul Żammit)[40] kellhom l-impressjoni li hekk kien sar tassew. Din l-impressjoni ma kinitx sostnuta ma' dak li sar tassew, għaliex, lil hinn mil-fatt li dan ma ssemmiex fil-verbal tas-smigħ (li, kif ingħad, ma huwiex l-unika prova li setgħet titressaq), lanqas irriżulta li, bħala konsegwenza ta' dak is-sejbien, kien hemm esitu għal dik is-sanzjoni (per eżempju, li l-intervenut kien immultat, imċanfar jew li ttieħdet kontrih xi miżura oħra li kull Qorti tista' tieħu kontra min jinstab ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` tagħha). Lanqas intwera li, f'xi smigħ wara, dik il-Qorti kienet irrevokat is-sejbien ta' ħtija ta' dak id-disprezz. **It-tielet fattur** imbagħad, li jwaqqa' ħafna mit-teżi tar-rikorrenti, huwa l-fatt li, sewwasew l-għada li deher l-ewwel artiklu (u wara insistenza mill-Avukat Azzopardi), il-ġurnal ippubblika artiklu ieħor li jiċħad għal kollox dak li ngħad fl-artiklu ta' lejliet dwar is-sejbien ta' ħtija tad-disprezz. Fit-tieni artikolu wkoll, it-titolu kien jitkellem dwar il-fatt tas-sejbien ta' ħtija ta' disprezz fl-intervenut;

"Illi ma ngħatat l-ebda spjega konvinċenti lill-Qorti għaliex, jekk kemm-il darba r-rikorrenti kienu tassew konvinti li kienu qegħdin jirrapportaw fedelment dak li seħħ fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma baqgħux jinsistu fuq dik il-verżjoni u qalbuha f'anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa. Jekk kellhom jedd li jġibu dak li tassew ġara waqt is-smigħ ta' kawża, ma kienx hemm għalfejn "iċedu" għall-insistenza tal-Avukat Azzopardi biex iġibu żmentita ta' dak li, skond huma, kien rapport fidil tal-ġrajja tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-argument li t-tieni artiklu jixhed il-bona fidi tar-rikorrenti jiswa ftit li xejn jekk il-fatt li dwaru nkiteb l-ewwel artiklu ma kien fatt xejn, imma sempliċi impressjoni, ukoll jekk waħda diffuża;

"Illi ladarba, għalhekk, tali fatt ma jirriżultax, ma jistax jingħad aktar li s-sentenzi tal-Qorti li sabu li dan il-fatt ma kienx jeżisti u li r-rikorrenti kienu għalhekk immalafamaw lill-Avukat Azzopardi bl-imsemmi artiklu fil-ġurnal jmisshom jitqiesu bħala limitazzjoni inġustifikata jew indħil

[40] Xhieda tiegħu 24.2.1998, f'paġġ. 42-4 tal-Atti tal-kawża 825/95

indebitu tal-imsemmi jedd fundamentali tagħhom li mhux ġustifikat f’soċjeta` demokratika;

"Illi dan iwassal biex ir-rimedju mogħti lill-intervenut fil-kawża fl-imsemmija kawża li fetaħ kontra r-rikorrenti kien miżura neċessarja maħsuba biex tħares id-dinjita` tiegħu li kienet indarbet b’attribut speċifiku li jolqtu bħala mhux biss bħala persuna privata imma wkoll bħala professjonist fit-twettiq (jew allegat nuqqas ta’ twettiq) tal-professjoni tiegħu[41]."

Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mir-rikorrenti proprio et nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi talbu:
"illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-24 ta' Mejju 2007, fil-kawza Rikors Numru 15/04JRM fl-ismijiet Victor Aquilina f'ismu proprju u l-istess Victor Aquilina bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Sharon Spiteri, kif debitament awtorizzat bil-prokura hawn annessa u markata Dokument "A", u l-Avukat Dottor Austin Bencini versus l-Avukat Generali u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2004, l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi intervjena fl-atti tar-Rikors *in statu et terminis* billi thassarha u tirrevokaha in kwantu permezz ta' l-istess sentenza appellata gew michuda t-talbiet ta' l-istess rikorrenti appellanti bl-ispejjez taghhom biss, tikkonfermaha in kwantu, permezz ta' l-istess sentenza appellata, l-intimat appellat u l-intervenut fil-kawza gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez taghhom biex b'hekk, prevja li tilqa' t-talbiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi li bis-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-5 ta' Novembru 1999, u tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fis-27 ta' Gunju 2003, fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Azzopardi versus Victor Aquilina et (Citazzjoni Numru 825/95GDC), gie miksur id-dritt taghhom tal-liberta` ta' l-espressjoni protett bl-Artikoli 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement taghti r-rimedji u taghmel dawk l-

[41] Ara App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Sandra Caruana vs Joe Mifsud***

ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali bl-ispejjez intieri taz-zewg istanzi kontra l-intimat apellat u l-intervenut fil-kawza."

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Avukat Generali li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab il-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-intervenjenti fil-kawza l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi li in forza taghha ghar-ragunijiet hemm premessi talab li l-appell jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti tal-process tal-kawza numru 825/95 deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' ligi li huma involuti f'din il-kawza jinsabu ben deleneati fl-ewwel parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u din il-Qorti ma tarax htiega li toqghod tirrepeti c-cirkostanzi ta' fatt li wasslu ghal din il-kawza u r-regoli tal-ligi invokati mir-rikorrenti.  Hu bizzejjed li jinghad li r-rikorrenti qed jallega li l-kundanna ghal malafama li garrab wara rapportagg, skond hu, fidila ta' dak li gara fi process gudizzjarju, tikser id-dritt fundamentali tieghu ghal jedd ta' espressjoni hielsa.

Il-qofol ta' dak li wassal ghal din il-kawza hu dak li sehh jew ma sehhx fl-20 ta' Gunju 1995, waqt udjenza fil-procedura kriminali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali istitwiti kontra Olaf Cini li kienet intiza ghat-tratazzjoni mill-avukat tieghu Dottor Tonio Azzopardi.  Il-gazzetta The Times, fil-harga ta' l-

ghada, harget rapport li fiha inghad li l-Avukat Azzopardi ma deherx ghas-seduta u instab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti minhabba dan in-nuqqas. Dan il-fatt ta' disprezz, fil-fatt, ma giex registrat fil-verbal ta' l-udjenza, u lanqas ma rrizulta li, fil-fatt, l-Avukat Azzopardi instab hati ta' disprezz. Il-gurnal jinsisti, pero`, li r-*reporter* tieghu, li kienet qed issegwi l-kaz, semghet lill-Magistrat jghid - jew ahjar, l-"impressjoni" taghha hu li semghet lill-Magistrat jghid - li kien qed jikkundanna lill-Avukat Azzopardi ghad-disprezz. Il-gurnal jallega li l-privilegg ta' l-istampa f'kaz ta' process gudizzjarju jolqot mhux biss dak li jigi formalment registrat fil-verbal, izda dak kollu li jinghad waqt smigh ta' kawza, anke jekk ma jigix formalizzat f'verbal.

Dan l-ahhar argument jidher li gie accettat mill-ewwel Qorti, tant li, f'parti mis-sentenza, osservat li l-privilegg japplika ghall-proceduri gudizzjarji fit-tifsir wiesgha tal-kelma, u mhux biss ghal dak li jkun verbalizzat jew ghal dak li jkun miktub fl-atti tal-kawza. Dan il-punt gie konfermat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-11 ta' Ottubru 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Azzopardi v. Stagno Navarra**. F'dik il-kawza ntqal li l-privilegg jghodd jekk dak li jigi rrapportat

(i) ikollu konnessjoni mal-procedimenti fil-qorti;

(ii) ikun fidil ta' dak li jkun intqal jew sehh f'dawk il-procedimenti; u

(iii) ikun *in bona fide*

Ovvjament, ma jispettax lil din il-Qorti tezamina jekk f'dan il-kaz, ir-rapportagg in kwistjoni kienx jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet. Dan l-istharrig ikun irid isir mill-Qorti kompetenti li tkun addita biex tistharreg fuq allegazzjoni ta' malafama migjuba minn min ikun hassu imwegga' b'dak ir-rapportagg. Dan l-ezami jidher li sar f'dan il-kaz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u mill-Qorti ta' l-Appell fil-proceduri ta' malafama li l-Avukat Azzopardi kien ha kontra l-gurnal The Times (kawza numru 825/95). F'dawk il-proceduri l-gurnal in kwistjoni nstab hati ta' malafama ghax irrizulta li r-rapport ma kienx rapportagg fidil ta' dak li sehh waqt is-seduta, u ghax ippubblika rapport fuq dak li dehrilha li semghet il-gurnalista taghha, minghajr ma

vverifikat jekk dak li dehrilha li semghet il-gurnalista kienx sehh tassew. Ir-rikorrent qed jallega li din il-kundanna tivvjola d-dritt tieghu ghal jedd ta' l-espressjoni hielsa, u jallega li l-istampa ghandha dritt tippubblika kull "fatt" li jigi a konoxxenza taghha u li jkun fl-interess tal-pubbliku, minghajr htiega li tivverifika l-veracita` o meno ta' l-allegatt "fatt".

Din il-Qorti tqis li, filwaqt li gurnal jista' jippubblika "fatti" li jidhirlu li huma ta' interess generali, dawk il-"fatti" jridu jkunu veri u sehhew tassew. Gurnalist irid jassumi r-responsabbilita` ta' dak li jistampa, u jekk ma jinvestigax u jiehu cans billi jirrapporta fuq l-ewwel impressjoni, irid ibati l-konsegwenzi jekk jirrizulta li jkun zbalja. Jekk gurnalista jippubblika xi haga bhala fatt, irid ikun lest li jipprova dak il-fatt, u jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-allegat "fatt" ikun malafamanti, irid ibati l-konsegwenzi.

Gurnalist ma jistax jirrapporta bhala "fatt" semplicement ghax "deherlu" li hekk ikun gara, jew ghax kien taht "impressjoni" li dak il-fatt sehh. F'dan il-kaz, il-gurnal jammetti li dakinhar tas-seduta, fl-awla tal-Qorti kien hemm "tgegwigija", izda xorta wahda rrapportat bhala "fatt" dak li l-gurnalista taghha hadet impressjoni li gara. Jekk kien hemm tensjoni fl-awla u "tgegwigija", gurnal serju m'ghandux jaqbad u jqis bhala "fatt" dak li gurnalista kien dehrilha li sehh, izda kellha tinvestiga u tassigura ruhha li dak li se tirrapporta jkun fil-verita` sehh.

Fil-kawza **Galea v. Mifsud**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu <u>investigattiv</u> ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li:
"meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudini mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed *fair* o meno (ara, ez. **Victor Pace v. Joe Azzopardi et** Qorti ta' l-Appell, 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li, jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun

hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppublikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-*House of Lords* tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL** [2006] UKHL 44; [2006] All ER (D) 132 (Oct)). Dan kollu, pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih."

Anke f'dan il-kaz, fir-rapportagg in kwistjoni hemm nieqes palezament l-element investigattiv, u dan meta, semplici qari tal-verbal wara s-seduta, kien jindika ezatt x'gara waqt is-smigh.

Gurnalist ghandu dritt jippubblika dak li jqis bhala "fatti", izda jrid jerfa' r-responsabbilita` ghal dak li jirraporta. Anke jekk ikun in bona fede, dan ma jiskulpax f'kaz ta' stqarrijiet malafamanti li ma jkunux veritjeri. <u>Gurnal jista' jippubblika dak li hu fatt, u mhux li jidhirlu li hu fatt</u>.

Fil-kaz ta' **Colombani and others v. France**, deciza mill-Qorti Ewropea u li rrefera ghaliha r-rikorrent fis-sottomissjonijiet, il-gurnal in kwistjoni gie skuzat ghax strah fuq rapport investigattiv ta' terzi. Dan jattalja ma' dak li osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fuq rapportata, fejn fatti inveritjieri kontenuti f'rapport investigattiv maghmul in bona fede jistghu jigu skuzati. Mhux l-istess jista' jinghad, pero`, fejn gurnal jaghzel biex jippubblika dak li hu jqis bhala *scoop* gurnalistiku minghajr ma jaghmel ebda verifika.

Din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-process tal-malafama istitwiti mill-Avukat Azzopardi, fis-sens illi:
"L-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita` huwa interess legittimu; izda ma hux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama tieghu. Ghalhekk, l-interess tal-gurnalista li tippubblika l-ahbar qabel haddiehor ma jehlishiex mill-htiega li tivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta dik l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor."

Importanti kemm hu importanti l-kuncett tal-liberta` ta' l-istampa, dan ghandu jigi *counter-balanced* mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita` tieghu, specjalment meta dak ic-cittadin mhux involut fil-politika jew fit-tmexxija tal-Gvern (ara, bhala rilfess fuq dan, il-kaz **Lombardo and others v. Malta**, deciza mill-Qorti Ewropea fl-24 ta' April, 2007).

Fil-kaz **Verdius Gand and Aase v. Norway**, deciza mill-Qorti Ewropea saret din l-osservazzjoni fil-kuntest ta' gurnalizmu hieles:
*"However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedeom carries with it "duties and responsibilities" which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance the above mentioned case of Bergens Tidende and Others v. Norway, §53), the Court has pointed out that these "duties and responsibilities" assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the "rights of others" may be undermined. Moreover, by reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism (ibidem)."*

F'dak il-kaz, il-Qorti Ewropea qalet li, meta si tratta tar-reputazzjoni professjonali tac-cittadin, l-istampa trid tagixxi in bona fide u tara li tforni "accurate and reliable information". Dan ifisser li l-gurnal irid jittrasmetti stejjer bazati fuq fatti u mhux fuq impressjoniet. Fil-fatt, f'din l-istess kawza, il-Qorti Ewropea canfret lill-gurnal talli dan ma hax "*sufficient steps to fulfil its obbligation to verify the truth of the factual allegation in question*". Gurnal, ghalhekk, ghandu obbligu biex jivverifika l-verita` ta' dak li qed jistampa, u m'ghandux jippubblika bhal fatt dak li l-gurnalista "deherli" li fehmet. Kwindi meta l-Qrati li

stharrgu l-allegazzjoni ta' malafama mressqa mill-Avukat Azzopardi kontra l-gurnal tar-rikorrenti (fil-kaz numru 825/95) insistew fuq il-htiega tal-gurnal li jivverifika l-fatti, ma kenux qed imorru kontra l-jedd ghal-liberta` ta' l-espressjoni ta' dak l-istess gurnal.

Din il-Qorti ma tarax li b'dan il-principju tkun b'xi mod qed taghmel sarima lill-istampa biex jirrapportaw fuq affarijiet ta' interess pubbliku, ghax l-obbligu ta' verifikazzjoni tal-verita` hija marbuta intrinsikament mal-kuncett ta' liberta` ta' l-istampa. Opinjoni hija soggettiva, izda rapportagg ta' fatt irid ikun oggettivament verifikabbli.

Ovvjament, mhux kompitu ta' din il-Qorti tezamina jekk l-allegat "fatt" sehhx jew le; dan kellha taghmlu, u ghamlitu l-Qorti kompetenti mitluba biex tinvestiga l-allegata malafama. Il-fatt li kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell sabu li l-allegat "fatt" ma sehhx, ma jfissirx li dawk il-Qrati b'xi mod, illedew xi dritt fundamentali tar-rikorrenti. Fi kliem iehor, ic-cirkostanza li, fil-fehma tal-Qorti, dak li gie rapportat ma kienx rapportagg "fidil ta' dak li jkun intqal", mhux ta' impediment ghal-liberta` ta' l-istampa, li ghandha dritt tirrapporta stejjer u incidenti li jkunu veri jew sostanzjalment veri fil-kuntest ta' gurnalismu investigattiv.

Dwar dan il-kaz, din il-Qorti thoss li ghandha, pero`, taghmel is-segwenti osservazzjoni. Il-gurnalista qabdet u ppubblikat ghax dehrilha li fehmet li l-Avukat Azzopardi kien instab hati ta' disprezz lejn il-Qorti. Hi jew l-editur tal-gurnal kellu ta' l-anqas, jistaqsi: tista' persuna tinstab "in contempt of court" fl-assenza taghha? Jekk l-Avukat instab hati ta' disprezz, mhux suppost ikun hemm piena? Jekk kien hemm "tgegwigija fl-awla, jista' jkun li l-impressjoni kienet zbaljata? Gurnalista serja u professjonali ghandha jkollha dawn il-hsiebijiet, imma, forsi bl-ghagla biex tmur fuq xoghol iehor, ippubblikat dak li dehrilha li fehmet minghajr ma hasbet bizzejjed fuq dak li kienet se tippubblika. Dan mhux gurnalizmu serju, ghax il-pubbliku ghandu dritt jistenna li dak li jigi ppubblikat bhala "fatt" ikun veru jew rizultat ta' investigazzjoni gunalistiku serju u *in bona fede*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza relatati mad-decizjoni in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu mir-rikorrenti appellanti, hlief dawk ta' l-intervenut fil-kawza li ghandhom jibqghu a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------